MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 483/2002/1

**Marisa Borg**

**vs.**

**Mario Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fid-29 ta' Ottubru, 1988 mill-liema zwieg twieled tifel, il-minuri Mark Borg;

Illi l-kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u/jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga da parti tal-konvenut:

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3. tal-process;
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-26 ta' Awissu, 2002 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-eccipjenti jaqbel li z-zwieg bejnu u bejn martu hu null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (g) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbal tat-22 ta' Ottubru, 2002 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-partijiet b'terminu ta' tletin jum kull wiehed. Id-difensuri talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-llum 18 ta' Marzu, 2003.

Rat in-nota tal-konvenut Mario Borg tat-3 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota ta’ l-attrici Marisa Borg ta’ l-24 ta’ Jannar, 2003 li biha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Marisa Borg** fl-affidavit taghha tghid:-

“*Illi jiena u Mario nghaqadna fiz-zwieg fit-28 ta' Ottubru 1988 minn liema zwieg twieled tifel, Mark Borg li twieled fit-28 ta' Awissu 1989.*
*Illi jiena u Mario ltqajna meta jien kont ghadni zghira, tant illi dak iz-zmien kont ghadni l-iskola. Konna ltqajna fil-hanut ta' missieri gewwa B'Kara. Jien kont ghadni ma nohrogx wahdi, u kont nohrog biss mal-genituri tieghi jew ma' ohti Silvana, akbar minni.*
*Illi meta bdejna nohorgu flimkien jien u Mario, konna nohorgu jew mal-familja tieghi jew kont immur id-dar tal-familja tieghu. Jien kont ferhana hafna li kont qed nohrog ma' Mario; kien l-ewwel boyfriend tieghi, u ghalkemm ma konniex nohorgu wahidna, xorta kont kuntenta ghax kont naqta' mir-rutina tal-hajja ta' kuljum.*

*Illi xahrejn wara li bdejt nohrog ma' Mario, ghalaqt sittax (16)- il sena. Bhala rigal minghand Mario, jien qlajt eternity ring. Mario informani wkoll illi missieru kien ittrasferixxa bicca art fuqu. Mill-paga li kien jaqla', kien qed jghati hamsin lira Maltin (Lm 50) kull hmistax lill-genituri tieghu bhala hlas ghall-art imsemmija. Hekk kif spicca jhallas dan id-dejn, u dan madwar tlett (3) snin wara, il-hamsin lira Maltin (Lm 50) kull gimghatejn beda jaghtihom lili biex infaddalhom. Lhaqt faddalt elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm 2,400). Imbaghad Mario ghamel perjodu minghajr xoghol, u ghalhekk ma komplejtx infaddal.*

*Illi dan it-tfaddil kien dejjem qed isir bil-hsieb taz-zwieg, u dan minkejja l-fatt li jien kont ghadni zghira fl-eta'. Fil-fatt, meta zzewigna jien kelli biss ghoxrin (20) sena filwaqt illi zewgi kellu sebgha u ghoxrin (27) sena.*
*Illi fl-1985, ohti tgharrset. Ommi u missieri bnew post ghal ohti fejn tmur tghix mal-familja taghha. Peress li l-genituri bnew ghal ohti, Mario ppretenda li jaghmlu l-istess ghalina. Mario donnu ha ghalih dwar din il-bicca tax-xoghol, u ghalhekk qabbadni nikteb ittra lil huh, li kien jghix l-Awstralja, biex jghidilna kif ghandna naghmlu biex nitilqu minn Malta u mmorru nghixu hemm. Ommi kienet sabet din l-ittra, u tad-dar kienu haduha bi kbira hafna.*
*Illi jien kien iddispjacini hafna dwar dak li gara, specjalment ladarba ma kenitx idea tieghi. Wara dan kollu, jien kont qed nithajjar nispicca r-relazzjoni tieghi ma' Mario; pero' ma waqaftx kollox, ghax ohti bezzghatni li ommi u missieri kienu nefqu hafna flus fil-post li konna ser immorru nghixu fih wara z-zwieg.*
*Illi wara din il-bicca xoghol, il-genituri tieghi bdew jghinuna nibnu l-bicca art li semmejt. Mario beda jimlili rasi li l-genituri tieghi ma kienux qed jistmawni daqs ohti. Ippretenda li jaghtuni dar. Jien xorta bqajt mieghu; pero' kull darba li kien ikollna xi tilwima jew nuqqas ta' ftehim bejni u bejnu, dejjem isemmili l-istess argument. Ilum-il gurnata nirrealizza li la l-genituri tieghi u lanqas jien ma kien jisthoqilna din il-pressjoni da parti tieghu.*
*Illi hekk kif tgharrset ohti, Mario ried li nitgharrsu ahna wkoll. L-iskop tieghu kien li ommi u missieri jaghtuna l-istess affarijiet bhal ma taw lil ohti. Fil-fatt kienu huma li hallsulna l-ispejjez tal-gherusija; anke c-crieket hallsulna. Ghamlulna festa bhal ma ghamlu lil ohti.*
*Illi nispjega illi fl-ahhar tas-sena 1987, Mario waqaf mix-xoghol; kien missieri li kien iheggu biex jaghmel hiltu biex jahdem, u huma kienu jghinuna f'kull ma setghu. Tant hu hekk, meta Mario waqaf mix-xoghol, missieri tah karozza sabiex ikollu biex jigri, u missieri anke rsista hafna biex igiblu l-permess ta' hawker fuq il-van li kellu missieri. Kien ukoll missieri li qabbadna ma' wiehed Friggieri li kellu confectionery l-Gzira, u bdejna nqassmu l-bajd tal-Ghid ghalih. Konna npogguhom fil-mahzen tal-genituri tieghi, sakemm irrangajna d-dar taghna, imbaghad bdejna*

*nzommuhom id-dar taghna. Ommi u missieri ghinuna hafna kemm fi flus u f'modi ohra".*

*"Illi ghall-bidu li zzewwigna, ma tantx konna nqattghu hin flimkien jien u Mario, u kienu jkunu prezenti hafna l-ġenituri tieghi fil-hajja mizzewga taghna. Kont inqatta' hafna aktar hin maghhom milli ma' zewgi. Missieri kien jigi ghalija kuljum u jehodni mieghu l-hanut sabiex nghinu, u fil-fatt baqa' jaghtini l-paga. Wara x-xoghol kont immur id-dar tal-genituri tieghi, u x'hin il-konvenut ilesti mix-xoghol, kien jghaddi ghalija u nirritornaw lura d-dar biss kemm norqdu. Ommi kienet u baqghet ittina nieklu u tahslilna l-hwejjeg.*
*Illi madwar sena wara li zzewwigna, u aktar precizament fit-28 ta' Awissu 1989, twieled it-tifel taghna, Mark Borg. Wara t-tifel ma kellniex tfal izjed, u dan minhabba ragunijiet li ser jissemmew aktar l-isfel.*
*Illi nixtieq nispjega illi ftit taz-zmien wara li miet missieri fit-3 ta' Awissu 1991, ommi tat kemm lili u lil huti elf lira Maltin (Lm 1,000) kull wiehed, u qaltilna x'kien ser imissina mill-wirt taghhom. Mario ma ha pjacir xejn b'dak li kien ser imissna. Mario ried u ppretenda li ser ihallulna aktar minn huti peress li, kif semmejt qabel lil ohti kienu tawha post fejn tghix u lil hija Sandro kienu hallewlu d-dar fejn kienu joqghodu. Inqala' nkwiet kbir, tant li Mario ma halliniex immur ghand ommi bittifel.*
*Illi minn dak iz-zmien, Mario ma baqax jorqod mieghi; kien jorqod f'kamra ohra. Hekk bqajna tul il-hajja mizzewga taghna sakemm kellna l-garage u beda jorqod hemm ukoll.*
*Illi Mario iggieled ma' ommi, u jien spiccajt nizfen fin-nofs; jien sabiex ma nkomplix ngharraq iz-zwieg taghna, zammejt ma' Mario, fis-sens illi tbeghedt minn ma' ommi. Pero' ghadu jiddispjacini sal-llum, ghax fl-ahhar mill-ahhar, ghalija dak li ser ihalluli ommi u missieri, ferhana bihom. Li nista' nghid huwa li f'hajjithom ommi u missieri qaghdu nieqsa huma biex taw lilna, u ghalija huwa evidenti hafna li Mario dan ma apprezzahx.*
*Illi d-dispjacir tieghi huwa li meta kien jinqala' l-inkwiet bejnietna, Mario baqa' jirrinfaccani b'din il-kwistjoni tal-wirt.*
*Illi kellna problema fiz-zwieg fis-sens li kien hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni bejnietna. Fil-fatt konna nitlewmu hafna ghax jekk jien nghid mod, hu jghid mod iehor. Konna wasalna f'estrem fejn wara li Mario jispicca mix-xoghol, ma*

*kienx jigi d-dar, izda kien jibqa' sejjer fl'ghalqa li kien kera mar-ragel ta' ohti biex jonsbu fiha. Kien jerga jigi lura d-dar tard bil-lejl, jinhasel, jiekol u jidhol jorqod.*
*"Illi Mario kien juri nuqqas ta' fiducja fija, u hu kien jaghmel hafna ghal flus. Tant hu hekk, li meta t-tifel Mark ghamel il-Grizma tal-Isgof fil-31 ta' Ottubru 1999, Mario lanqas ried jaghlaq il-hanut ftit tal-hin qabel is-soltu sabiex ikun jista' jattendi ghac-celebrazzjoni. Fil-fatt wara c-celebrazzjoni, tlajna fil-hanut fejn Mario kien ghadu miftuh, u ghamilna festa zghira hemmhekk. Baqa' l-hanut ma' ommu, missieru u hutu. Kien jigri wkoll li wara gurnata xoghol, li kien jinteressah kien x'dahhalt tal-flus u mhux kif mort fuq ix-xoghol. Kien jinqala' l-inkwiet bejnietna peress illi Mario kien jahbi l-flus, tant illi f'zewg okkazzjonijiet separati sibt borza bi kwantita' kbira ta' flus go fihom li kien hbihom zewgi. Meta semmejthomlu, kien irrabja hafna u ghamel zmien waqaf ikellimni".*
*Illi konna nkunu t-tnejn impenjati hafna bix-xoghol, u ftit li xejn konna nqattghu hin flimkien bhala familja. Kien hemm okkazzjonijiet fejn ipproponejt li nsiefru flimkien, izda Mario kien jirrifjuta. Qalli li tlett (3) passaggi kienu wisq (finanzjarjament) u b'hekk kien kuntent li mmur jien; izda lil Mark ma ridnix niehdu mieghi. Jien sifirt darba wahdi, u dan sa Sqallija; pero' nista' nghid bis-sincerita' kollha li ma hadtx gost ghax xtaqt li jkun hemm it-tifel u Mario mieghi.*

*Illi nixtieq nispjega illi peress li ahna kellna confectionery u konna naghmlu l-bajd tal-Ghid, konna qbadna sistema fejn jien, flimkien ma' oht Mario u zewgha, konna nitilghu Catania, bejn darba sa tlett (3) darbiet fis-sena, biex nixtru soft toys li nwahhluhom mal-bajd tal-Ghid. Hemmhekk konna ltqajna ma' persuna, li kien jghinna hu u jehodna fl-ahjar post biex nixtru dawn is-soft toys. Dan kien xi kultant icempel id-dar taghna minhabba dawn l-ordnijiet, u peress li Mario ma kienx jaf jitkellem bit-Taljan, kien icempel diversi drabi sabiex isib lili. Dan l-arrangament baqa' ghaddej ghal diversi snin, u kien ikun Mario stess li jqabbadni ncempillu lil dan l-individwu. Madanakollu, wasal zmien meta Mario beda jimmalafamani, u meta kien jinqala' l-inkwiet bejnietna kien isemmi lil dan it-Taljan. Kien jiehu l-opportunita' biex jheddidni li ser ikeccini mid-dar. Jien nista' nghid*

*b'kunfidenza li qatt ma kelli wicc haddiehor, u lil zewgi dejjem gibtlu rispett.*
*Illum il-gurnata nsib li la jiena u lanqas Mario ma ghadna nhossu xejn ghal xulxin. Qisna qatt ma ltqajna. Nixtieq nghid li qatt ma kien hemm wisq zeghiel u dikjarazzjonijiet ta' imhabba bejnietna. Fil-fatt lanqas fil-konfront tat-tifel, qatt ma kien wera wisq gibda; Mark da parti tieghu ma tantx ifittex lil missieru.*

Il-konvenut **Mario Borg** fl-affidavit tieghu sostna li:

*"Jien iltqajt ma' marti Marisa meta kont nahdem ma' Farsons bhala driver u kont immur inqassam ix-xoghol fil-grocer shop ta' missierha fejn hi kienet tahdem. Hi kienet bniedma ta' karattru ferm strett, rasha iebsa u stinata hafna f'kull ma riedet taghmel, specjalment fix-xoghol. Ahna domna xi tlett snin gharajjes u zzewwigna fid-29 ta' Ottubru, 1988. Miz-zwieg taghna twieled tifel wiehed li jismu Mark.*

*Preparazzjoni ghaz-zwieg ftit li xejn kellna minkejja li konna ilna tlett snin gharajjes qabel izzewwigna, u iktar nghid illi "we drifted into marriage" peress li konna ilna gharajjes, u biex inkunu bhal haddiehor. Ma konniex maturi bizzejjed ghall-eta' taghna meta zzewwigna. Fil-bidu z-zwieg taghna kien wiehed pjuttost felici, izda dan jien inqis li kien aktar minhabba l-ewforija li jkollok fil-bidu ghax qed tghix hajja differenti minn qabel, u ma nistax nghid minn naha tieghi li kien xi ferh reali. Wara li zzewwigna, konna ftahna negozju ta' confectionery flimkien, izda jien xorta bqajt nahdem ma' Farsons. Wara xi erba' snin li zzewwigna, hi kienet bdiet tahdem ukoll b'mini-bus u kienet ghamlet pressjoni kbira fuqi biex nitlaq mix-xoghol tieghi minn ma' Farsons u nahdem biss fil-confectionery. Eventwalment, konna ftahna confectionery iehor flimkien u jien kont weghedt lil Marisa li ser nitlaq mix-xoghol tieghi minn ma' Farsons izda qatt ma ghamilt dan. Hi kienet qalghet hafna nkwiet peress li jien bqajt ma tlaqtx minn ma' Farsons biex niehu hsieb biss in-negozju, u deher car illi n-*

*negozju ghaliha kien kollox, akkost li tohloq il-gwerer mieghi.*

*Marisa dejjem kien mohha biss fix-xoghol u n-negozju, u ma kenitx taghti kas id-dar u l-hajja mizzewwga ta' bejnietna. Lili ftit li xejn kienet taghtini attenzjoni u sikwit konna niggieldu, ghalkemm lit-tifel kienet tiehu hsiebu. Jien ukoll kont inqis ix-xoghol u nnegozju bhala li jigu qabel il-mara, u x-xoghol kien qed jiehu tista' tghid il-hin tal-gurnata kollha tieghi, tant li ma kien ikolli hin ghal xejn izjed. Kienet ohti li kienet tiehu hsieb id-dar taghna, u ta' dan konna nhallsuha.*

*Ripetutament, it-mara tieghi kienet qeghda tirrifjuta illi jkollha x'taqsam mieghi sesswalment, u r-raguni li kienet ittini kienet li kellna ugiegh f'dahra.*

*Madwar sitt snin ilu, jien kont qieghed nahdem fil-garaxx li hu proprjeta` tieghi nipprepara l-helu ghall-confectionery u kien cempel individwu li malli rrispondejt kien lissen il-kelma "pronto", u jien ghalhekk deherli li dan kien Taljan. Hekk kif sema' lehni hu qata', u jien dhalt id-dar biex nghid lill-mara b'dak li kien ghadu kif gara. Hi ma ndunatx li jien kont dhalt u hsadtha fuq it-telefon titkellem bit-Taljan. Ohti kienet ilha twissini illi waqt li hi kienet tkun qieghda tnaddaf id-dar taghna kien hemm Taljan li kien qed icempel ripetutament u li malli jisma' lehinha kien qed jaqta l-linja. Jien sirt naf li dan it-Taljan kien isuq taxi u kien jismu Enzo.  Jien ma kontx tajt kaz tat-twissijiet ta' ohti ghax kelli bizzejjed xoghol x'naghmel u ma kellix hin x'nahli".*
*"Wara dan l-incident, jien sirt naf li dan it-Taljan kellu madwar sittin sena u li kienet dahlet kunfidenza kbira bejnu u bejn marti, minghajr ma jien kont indunajt, tant li hi kienet anke ltaqghet Catania mieghu. F'okkazzjoni minnhom, jien skoprejt li Marisa kellha ritratt fil-gakketta taghha ta' dan l-individwu.  Ma nistax nghid kemm marti kienet ilha taf lil dan l-individwu".*
*"F'dan iz-zmien kien inqala' nkwiet matrimonjali serju bejni u bejn marti specjalment minhabba n-negozju kif*

*ukoll minhabba t-Taljan, u hi keccietni mis-sodda u bdiet traqqad lit-tifel taghna hdejha. Jien ma nistax nghid li f' dan iz-zmien ghamilt xi sforz biex intejjeb iz-zwieg tieghi u lanqas nista' nghid li marti ppruvat minn naha taghha. Counselling ahna qatt ma morna".*
*Madwar erba' snin ilu jien kont bieghejt id-dar taz-zwieg li kienet parafernali tieghi. Ezatt kif bieghejt id-dar, marti kienet giet fuqi u qaltli li kienet ippermettiet li nbiegh id-dar ghax hi ma kellha xejn minnha, izda issa li nbieghet, nofs il-flus li jien kont dahhalt mid-dar kienu taghha. Hawnhekk jien inhsadt ghaliex qatt ma bsart li marti kellha dawn l-intenzjonijiet u li kienet mara ta' dawn l-affarijiet.*
*Wara l-bejgh tad-dar, ahna konna bnejna zewg flats wiehed sovrappost ghall-iehor, u dawn jien u l-mara konna fthemna li wiehed mill-flats jiehdu t-tifel u l-iehor nghixu fih jien u marti. Izda meta dawn il-flats tlestew, hi wriet bic-car li kellha ntenzjonijiet diversi minn dak li konna fthemna fuqu, u hi marret tghix ghal rasha gol-flat ta' fuq.*

*Is-sitwazzjoni ta' beinietna baqghet sejra ghall-aghar u f'Dicembru 2001 jien u l-mara konna ersaqna u ffirmajna kuntratt ta' separazzjoni personali. Nghid illi l-aktar punt ta' nkwiet dwar dan il-kuntratt kienu l-confectioneries, li kienu ghadhom sal-llum il-fulkrum ta' hajti kif ukoll ta' Marisa.*

*Fl-ahharnett, nghid illi jien u marti qatt ma ghexna hajja ta' koppja mizzewga u ma tantx konna nafu xi jfisser zwieg. Miz-zwieg aktar fittixna li naghmlu l-flus minn kull haga ohra. Il-komunikazzjoni li kellna bejnietna dejjem kienet tkun dwar in-negozju, u qatt ma sibna hin ghal xulxin. Ghalija u ghal Marisa n-negozju kien ghadu kollox. Tant hu hekk li Marisa llum lanqas tghix fil-kumdita` tal-flat taghha izda tghix gol-garaxx li hu anness mal-confectionery taghha biex tkun il-hin kollu qrib in-negozju. Jien inhoss li Marisa rat iz-zwieg bhala ghodda biex biha tavvanza finanzjarjament u ttejjeb il-pozizzjoni li kellha fil-hanut ta' missierha.*

**<u>(II) LIGI</u>**

Illi l-attrici qed issostni li z-zwieg taghha huwa null peress li (a) il-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga; (b) il-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; (c) kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga da parti tal-konvenut:

Illi dawn it-tlett premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici l-ewwel tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-
**19(1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa immaterjali jekk tali qerq jorrigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-

hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich* **P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot.**

**-** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **"Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova"** (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP)

l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi l-attrici ssostni wkoll li l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porsella Flores et noe**" (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of*

*the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi dwar l-ahhar premessa ta’ l-attur bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (f),** dan jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza “**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**” minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza “**Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**” (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi ezaminati l-provi fid-dawl tad-disposizzjonijiet fuq citati jirrizulta li l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** ma japplikax ghall-kaz *de quo stante* li ma jirrizulta bl-ebda mod li kien hemm xi qerq prattikat fuq xi wiehed mill-partijiet u li kien hemm xi ngann li wassal lil xi wiehed jew wahda mill-kontendenti sabiex jaghmlu dan il-pass, anzi jidher li t-tnejn dahlu ghaz-zwieg b'mod ljev peress li kienu ilhom, almenu hekk hassew, gharajjes, u allura ghazlu li jiehdu l-istat taghhom.

Illi din il-Qorti lanqas thoss li l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** japplika ghall-kaz in ezami peress li ma jidhirx li xi wahda mill-partijiet konxjentozament jew b'xi mod iehor eleminat xi element essenzjali mill-kuncett taz-zwieg, anzi jidher li l-problema li wasslet lill-partijiet ghal din il-kawza kienet mod iehor u cjoe' li f'dak iz-zmien, meta huma resqu biex jaghmlu dan il-pass importanti fil-hajja taghhom huma kienu immatturi ghall-ahhar u allura fl-istat li kienu ma setghu qatt jasslu biex jifhmu ghal x'hiex kienu dehlin, u l-fatt li ma kellhomx il-preparazzjoni necessarja, ma tantx ghin sabiex tali kuncett jigi muri lilhom.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-kontendenti kienu konxji tal-emozzjonijiet li kienu jhossu ghal xulxin, u fil-fatt kienu zghar hafna meta ltaqghu ma' xulxin, u jista' jinghad b'certu liberta' u certezza, li mill-provi kif esposti quddiem din il-Qorti, dak kollu li ghaqqadhom kien biss l-ghan finanzjarju, fejn iz-zewg partijiet fittxew dejjem li jaqilghu l-flus sabiex ikollhom id-dar taghhom, u aktar il-quddiem in-negozju taghhom; anke t-tilwim li kien ikollhom kien dejjem iccentrat fuq din il-kwistjoni, u jidher li qam inkwiet serju dwar dan anke mal-familja ta' l-attrici, u dan apparti l-introjtu min-negozju jew dhul iehor taghhom.

Illi mill-provi prodotti fil-fatt jidher li hlief ghall dawn il-konsiderazzjonijiet, b'eccezzjoni wahda fejn l-konvenut allega li kien hemm xi konfidenzi ma' persuna taljana, -haga li ma gietx ippruvata u michuda katigorikament mill-attrici, ma kienx hemm kuntatt bejn il-partijiet, lanqas dak intimu u allura jidher car li l-prioritajiet tal-istess kontendenti kemm qabel iz-zwieg u kemm wara z-zwieg ma kenux diretti ghall-hajja komuni, intima u esklussiva izda biss ghall unjoni ta' introjtu li mill-ewwel sabet dizgwid bejn il-partijiet.

Illi dan, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, kien kollu dovut ghall fatt li l-istess kontendenti qatt ma kienu fil-pozizzjoni li jifhmu qabel iz-zwieg is-sinifikat u l-kuncett ta' hajja mizzewga, dan minhabba l-imatturita' taghhom, mhux biss fiz-zmien, huma dahhlu ghal din is-sitwazzjoni b'mod mill-iktar ljev, u il-pass li ttiehed minnhomm rispettivament biss ghaliex wara zmien gharrajjes kien imiss li huma jizzewgu, u dan bla ebda hsieb dwar dan il-pass x'jimporta ghalihom, u kif il-hajja taghhom kellha titbiddel billi dak li jkun jrid jahseb ghall-gid komuni, kemm materjali u spiritwali, b'dan li jkun hemm unjoni shiha fil-hajja taghhom. Dan kollu huwa ghal kollox mankanti minn dak kollu deskritt minn kull wiehed mill-kontendenti, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-istess partijiet fl-istat li kienu qabel iz-zwieg, kien impossibbli ghalihom sabiex jippercepixxu dan.

Illi fil-fatt lanqas matul il-parti kbira taz-zwieg dan is-sinifikat ma jidher li gie assimilat mill-partijiet, izda fl-ahhar meta l-partijiet irrejalizzaw li huma kienu dahhlu ghaz-zwieg bla ma taw importanza lill-istess elementi bazici tieghu, ir-relazzjoni taghhom sfaxxat, u dan iktar meta huma saru konoxxenti tal-fatt li bejniethom qatt ma kien hemm sentimenti adatti u proprji li normalment twassal koppja li tiehu dan il-pass.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jidher li l-azzjoni attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' l-azzjoni attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tad-29 ta' Ottubru 1988 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------